# REĠJUN ĊENTRU

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali 88

IT-TIENI LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 88

It-Tlieta 26 ta' Settembru 2017

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Viċi President
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara
Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Andrè Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku L-Iklin

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida
Is-Sur Paul Radmilli – Kunsillier Tas-Sliema

ASSENTI

Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pietà
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il- President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

Il-President stieden fil-kamra lil Dr. Glen Farrugia, li huwa membru fir-riċerka tal-Fondazzjoni Valletta 2018, fejn huwa ta spjegazzjoni qasira fuq il-konferenza li ser tinżamm bejn it-22 u l-24 ta' Novembru 2017 dwar l-għejxien aħjar ġewwa l-komunitajiet tagħna.

Hekk kif il-President irringrazzja lil Dr Farrugia, il-Kunsillier ta' San Ġwann, is-Sur Dominic Cassar, għamel intervjent sabiex jirringrazzja lill-membri tar-Reġjun kif ukoll l-istaff tal-kartolina u pjanta li rċieva mir-Reġjun wara li kien għaddha minn operazzjoni.

## 88.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

88.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija tas-Sur Paul Radmilli u tas-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

## 88.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

88.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 87 li saret nhar it-Tlieta 22 ta' Awwissu 2017, kienu meħuda bħala moqrija.

88.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, u sekondati mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi.

## 88.3 Komunikazzjoni mill-President

88.3.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti dwar l-elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn spjega li din ser issir nhar is-Sibt 14 ta' Ottubru 2017. Id-dettalji kollha dwar dan jinstabu fiċ-Ċirkulari 26/2017 maħruġa mid-Dipartiment għal Gvern Lokali.

## 88.4 Tweġibiet mill-Mistoqsijijiet tal-Membri

88.4.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa lill-membri jekk kienx hemm mistoqsijiet li xtaqu jressqu waqt din il-laqgħa.

88.4.2 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mressqa mill-membri.

## 88.5 Rapporti

88.5.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda rapport x'jitressaq f'din il-laqgħa.

## 88.6 Items oħra ta’ Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- ***Community Innovation Fund***

88.6.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li l-ġurnata ta’ qabel dan ir-Reġjun kien ġie nfurmat dwar ir-riżultat ta’ l-applikazzjonijiet li kienu ġew ippreżentanti f’isem dan ir-Reġjun.

88.6.2 Huwa spjega kif il-Bord ta’ Evalwazzjoni maħtur mid-DLG approva l-applikazzjonijiet tal-Kunsill Lokali ta’ Birkirkara u ta’ Ta’ Xbiex. Sfortunatment, l-applikazzjonijiet ta’ Ħ’Attard kif ukoll ta’ tas-Sliema ma kienux ġew milquha.

88.6.3 Is-Sur Fenech Adami spjega li fil-jiem li ġejjin ser jiġi ffirmat kuntratt dwar dan bejn ir-Reġjun u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif ukol għandha ssir laqgħa ta’ ftehim bejn is-Segretarji Eżekuttiva tar-Reġjun flimkien mas-Segretarji Eżekuttivi kkonċernati.

- ***Aġġornament fuq l-Inizjattiva Finanzjarja – Għoti mill-Ġdid ta’ Tarmak lil Toroq fir-Responsabilità tal-Kunsilli Lokali***

88.6.4 Il-President spjega kif aktar kmieni filgħodu dan ir-Reġjun kien infurmat li erba’ Reġjuni minn ħamsa kienu applikaw għal din l-inizjattiva finanzjarja u għal din ir-raġuni kull Reġjun kien ser jibbenifika minn €125,000 minflok €100,000.

88.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, qasmet karta bi spjegazzjoni tad-differenza fl-ammont li ser jingħata lill-Kunsill Lokali kkonċernati u fakret lill-membri sabiex jimlew il-*letter of commitment* kif ġiet ippreparata mid-DLG u jibgħatuha fiż-żmien stipulat.

- ***Ċirkulari 23/2017 – Qualification Allowance għas-Segretarju Eżekuttivi u l-Ħaddiema Klerikali tal-Kumitati Reġjonali u Kunsilli Lokali.***

88.6.6 Il-President ressaq żewġ ittri mingħand is-Segretarju Eżekuttiv u mingħand ir-Reġistratur dwar il-*qualification allowance* li qed jingħataw fil-preżent sabiex fuq l-approvazzjoni tar-Reġjun, dawn jiġu mgħoddija lid-DLG.

88.6.7 Huwa spjega kif is-Segretarju Eżekuttiv qed tingħata l-allowance fuq il-Masters fl-Istudji Ewropej filwaqt li r-Reġistratur qed tingħata l-allowance fuq id-Diploma fl-IT.

88.6.8 Il-membri qablu unanimament dwar dan.

- ***Kunsill Lokali Ħal Lija***

88.6.9 Il-President informa lill-membri dwar l-email mingħand dan il-Kunsill sabiex jitlob l-approvazzjoni biex tintnefaq l-ispiża ta’ €601.50 sabiex isiru xogħolijiet ta’ plotting ta’ road marings fi Triq is-Salvatur.

88.6.10 Il-Membri approvaw unanimament.

- *Kunsill Lokali Birkirkara*

88.6.11 Il-President informa lill-membri dwar l-email mingħand dan il-Kunsill biex jinfurmah li twettaq xogħol estensviv ta' tarmak fi Triq San Lawrenz, Birkirkara, għas-somma ta' €9908.65.

88.6.12 Il-membri unanimament approvaw din l-ispiża.

- *Kuntratti ta' żmien il-Kumitati Konġunti*

88.6.13 Il-President ressaq żewġ kuntratti preparati min-nutar is-Sur Dorian Sciberras wara li s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, kienet tat spjegazzjoni dettaljata tas-sitwazzjoni fuq iż-żewġ uffiċċini fil-preżent.

88.6.14 Wara li s-Segretarju Eżekuttiv tat spgejazzjoni tal-kuntratti, il-membri qablu dwar miżuri li għandhom jiġu nklużi f'dawn il-kuntratti.

- *Cigarette Bin*

88.6.15 Il-President informa lill-membri preżenti dwar il-bżonn li jinxtara *cigarette bin* sabiex titwaħħal ma' l-entratura tal-uffiċċju tat-Tribunal. Għal din ir-raġuni tresqet kwotazzjoni mingħand Anton Zarb għal prezz ta' €30.68.

88.6.16 Il-membri unanimament approvaw din il-kwotazzjoni.

- *Siġġu*

88.6.17 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega li hemm bżonn jinxtara siġġu għas-Sinjorina Antonella Baldacchino. Għal din ir-raġuni tressqet kwotazzjoni mingħand Oxford House għal prezz ta' €249.00.

88.6.18 Il-membri unanimament approvaw din il-kwotazzjoni.

- *Rappreżentant tas-Saħħa u Sigurta'*

88.6.19 Il-President spjega kif waqt laqgħa mas-Sinjura Maris Farrugia dwar ir-rapporti dwar ir-risk assessments fil-Kunsilli Lokali ta' taħt dan ir-Reġjun, kull Kunsill Lokali kif ukoll ir-Reġjun għandu jkollu persuna minn fost l-impjegati li jkun r-rappreżentant tas-Saħħa u s-Sigurta tal-ħaddiema.

88.6.20 Għal dan il-għan ir-Reġjun għamel kuntatt ma' l-OHSA u ġiet imressqa kwotazzjoni sabiex isir kors li jikkonsisti f'16-il siegħa għal prezz globali ta' €880.

88.6.21 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li ser tintbagħat e-mail dwar dan lil kull Kunsill Lokali sabiex tingħata l-isem tal-persuna li ser tkun qed tattendi għal dan il-kors.

## 88.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

88.7.1 Is-Sindku ta' l-Iklin, is-Sur Anthony Dalli, sekondat mill-Kunsillier ta' San Ġwann, is-Sur

Dominic Cassar ressaq mozzjoni biex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 85A u 85B.

88.7.2 Il-Mozzjoni għaddiet *nem.com*.

## 88.8 **Mozzjonijiet**

88.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

## 88.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

88.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-6:10 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 24 ta' Ottubru 2017 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 24 ta' Ottubru, 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |